VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,448, 3 ta' Lulju, 2015
Taqsima B

A.L. 208 tal-2015

ATT DWAR L-ARMI
(KAP. 480)

Regolamenti tal-2015 li jemendaw l-Iskeda II li tinsab mal-Att dwar l-Armi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 65 tal-Att dwar l-Armi, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2015 li jemendaw l-Iskeda II li tinsab mal-Att dwar l-Armi, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-iSkeda II li tinsab mal-Att dwar l-Armi, hawn iktar 'il quddiem imsejħa "l-Iskeda II". Kap. 480.

Jissostitwixxi l-partita 10 fit-Taqsima I tal-Iseda II.

2. Il-partita 10 fit-Taqsima I tal-Iskeda II għandha tiġi sostitwita bil-partita li ġejja:

"10. Munizzjon għall-armi tan-nar imniżżla taħt din l-iSkeda.".